

Il-Papa jistieden lill-bnedmin ta’ rieda tajba sabiex ningħaqdu flimkien u nitolbu biex il-politiċi, ix-xjenzati u l-ekonomisti jaħdmu flimkien biex iħarsu l-ibħra u l-oċeani għad-dinja.

**Qari:** *Messaġġ ta’ Papa Franġisku fil-Jum Dinji ta’ Talb għall-Għożża tal-Ħolqien f’Settembru 2018*

Nixtieq immiss ukoll il-kwistjoni tal-ibħra u tal-oċeani. Għandna għax nirringrazzjaw lill-Ħallieq għad-don imponenti u mill-isbaħ tal-ilmijiet kbar u ta’ dak kollu li hemm fihom, u nfaħħruh għax libbes lill-art bl-oċeani. Meta naħsbu fuq il-meded kbar ta’ ilmijiet, f’ċaqliq kontinwu, f’ċertu sens, din tkun għalina wkoll opportunità biex naħsbu f’Alla, li l-ħin kollu jsieħeb il-ħolqien tiegħu u jmexxih ’il quddiem u jżommu ħaj.
Li ta’ kuljum nieħdu ħsieb ta’ dan il-ġid bla qies illum hi responsabbiltà inevitabbli, sfida vera u proprja: hemm bżonn ta’ koperazzjoni attiva bejn il-bnedmin ta’ rieda tajba biex nikkollaboraw fl-opra kontiwa tal-Ħallieq. B’xorti ħażina, tant sforzi jgħibu fix-xejn minħabba fin-nuqqas ta’ regolamentazzjoni u ta’ kontrolli effettivi, speċjalment fejn jidħol il-ħarsien ta’ żoni marittimi lil hemm mill-konfini nazzjonali. Ma nistgħux nippermettu li l-ibħra u l-oċeani jimtlew b’meded qiegħda ta’ plastik jgħum fil-wiċċ. Għal din l-emerġenza wkoll aħna msejħin inħabirku, b’mentalità attiva, waqt li nitolbu bħallikieku kollox kien jiddependi mill-Providenza divina, u nħabirku bħallikieku kollox kien jiddependi minna.

Bierek ruħ tiegħi, il-Mulej!
Mulej, Alla tiegħi, inti kbir bil-bosta!
Nirringrazzjak Mulej talli inti ħlaqt
dinja sabiħa, dinja mimlija ġid u diversità!
Mulej, inti tajtna l-art biex naħdmuha

u nħarsuha bir-rispett u l-bilanċ,
tajtna l-baħar u l-oċeani sabiex nieħdu ħsiebhom.
Iżda aħna abbużajna mill-ħolqien tiegħek
għax, kif qal il-Papa Franġisku, “naraw sa mneħirna u aħna egoisti –,
u ftit li xejn inħarsuh il-ħolqien” tiegħek.
Mulej, agħtina d-dehen sabiex nifhmu
li aħna l-bnedmin, aħna parti min-natura, parti mill-ħolqien tiegħek;
u allura m’għandniex jedd li neqirduha.
Nitolbuk sabiex tgħinna biex nifhmu
li qed neqirdu kollox minħabba l-egoiżmu tagħna.
Għinna Mulej sabiex, permezz tal-Ispirtu tiegħek,
*aħna lkoll inħossu r-responsabbiltà li nħarsu*
l-ibħra u l-oċeani għad-dinja kollha
u nħarsu lejn il-ħolqien tiegħek bħala rigal
u mhux bħala xi ħaġa li nistgħu nisfruttaw.
Agħti d-dehen lill-politiċi, lix-xjenzati u lill-ekonomisti
sabiex dawn jaħdmu flimkien favur l-ambjent,
u biex jagħmlu minn kollox biex jevitaw il-prattiċi ħżiena.
Agħtihom il-kuraġġ biex ma jħallux lil min jabbuża min-natura
għal skopijiet finanzjari, u biex jinkuraġġixxu prattiċi tajbin.
Dawwal lix-xjenzati biex jistimulaw il-kreattività
li tfittex toroq ġodda biex jiġi mħares l-ambjent,
u fuq kollox biex jiffaċilitaw inizjattivi personali u kollettivi.
Għinna sabiex nifhmu li, kif qal il-Papa Franġisku:
*In-Nisrani li ma jipproteġix il-ħolqien, li ma jgħinux biex jiġi ’l quddiem,*
*huwa Nisrani li ma jimpurtahx mill-ħidma ta’ Alla,*
*ħidma li hi frott l-imħabba li Alla għandu għalina.*
Nitolbuk Mulej biex tagħtina d-dehen
li nibdlu l-mod kif inħarsu lejn id-dinja
biex b’hekk nibdlu l-mod kif nirrelataw magħha.
Fuq kollox għinna ħalli jkollna l-kuraġġ
li fl-istili ta’ ħajja tagħna, nħaddnu sempliċità u solidarjetà akbar.

**Qari:** *Mill-Enċikklika ta' Papa Franġisku Laudate Si' (198)*

Il-politika u l-ekonomija għandhom it-tendenza li joqogħdu jwaħħlu f'xulxin għal dak li hu faqar u taħsir ambjentali. Imma dak li hu mistenni minnhom hu li jagħrfu l-iżbalji tagħhom u jsibu modi ta' interazzjoni orjentati lejn il-ġid komuni. Waqt li l-ekonomisti moħħhom biss kif ħa jdaħħlu fil-but u l-politiċi ffissati biss kif ħa jżommu taħt idejhom u jżidu l-poter, dak li jibqa' huma gwerer u xi ftehim stramb fejn l-inqas li jinteressa liż-żewġ naħat hu li jippreservaw l-ambjent u jieħdu ħsieb tal-iżjed dgħajfin.

Mulej nitolbuk maħfra għax aħna moħħna biss
li nakkwistaw l-affarijiet malajr kemm jista' jkun.
Aħna naraw biss sa mneħirna u ma niddejqux
li nħassru u neqirdu l-ambjent, basta nieħdu li rridu.
U l-politiċi, ix-xjenzati u l-ekonomisti mhumiex aħjar minna!
Suppost jaħdmu flimkien biex iħarsu l-ibħra u l-oċeani għad-dinja.
Il-Papa Franġisku jgħid *li l-ekonomisti moħħhom biss kif ħa jdaħħlu fil-but u l-politiċi ffissati biss kif ħa jżommu taħt idejhom u jżidu l-poter.*
Mulej agħtihom id-dehen sabiex ma jibqgħux
jisfruttaw l-ambjent u jħallu ħerba.
Għinhom ħalli jagħrfu l-iżbalji tagħhom.
Agħtihom il-kuraġġ ħalli jieħdu azzjonijiet li jippreservaw l-ambjent,
iħarsu l-ġid komuni u jieħdu ħsieb tal-iżjed dgħajfin.
Nitolbu sabiex aħna lkoll infittxu kontinwament
modi differenti kif nistgħu nxerrdu l-messaġġ
u nippromwovu inizjattivi tajbin biex inħarsu l-ibħra u l-oċeani,
l-abitat li jipprovdi u l-kreaturi li jgħixu fihom.
Nitolbu wkoll għal min jikkontribwixxi
fit-tifsil u fit-twettiq ta' normi internazzjonali dwar l-ibħra.
Agħmel Mulej li dawn ifasslu liġijiet
li jiggarantixxu żvilupp integrali fid-dawl tal-ġid komuni,
tal-familja sħiħa tal-bnedmin u mhux ta' xi interessi partikulari.

**KANT**

## Nitolbu flimkien

Nitolbu skont il-fehma tal-Papa, sabiex il-politiċi, ix-xjenzati u l-ekonomisti jaħdmu flimkien biex iħarsu l-ibħra u l-oċeani għad-dinja.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbuk Mulej sabiex niftħu moħħna biex nifhmu l-impatt li aħna, bħala razza umana, għandna fuq l-ibħra tagħna, u għinna nirbħu r-reżistenza tagħna biex inbiddlu l-istil ta' ħajja li qed ngħixu, biex b'hekk nibżgħu għall-ħajja fl-ibħra u fl-oċeani.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Mulej, ningħaqdu ma' Papa Franġisku u nitolbu sabiex il-politikanti, meta jkunu qed jaħdmu dwar kwistjonijiet l-iżjed delikati ta' żmienna, bħal dawk marbuta mal-ibħra u l-oċeani u mad-dritt ta' kulħadd li jagħmel użu mill-ġid primarju, jaffrontawhom b'responsabbiltà, b'viżjoni fil-bogħod li tħares lejn il-futur, b'ġenerożità u fi spirtu ta' kollaborazzjoni.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu għal dawk li jiddedikaw ruħhom għall-appostolat tal-baħar, u għal min jgħinna nirriflettu fuq il-problemi li fihom jinsabu l-ekosistemi marittimi.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.

Nitolbu wkoll għal dawk li jaħdmu għall-ħarsien taz-zoni marittimi, għall-ħarsien tal-oċeani u tal-bijodiversità tagħhom, biex jiżvolġu din il-ħidma b'responsabbiltà u onestà.

Nitolbu... Ismagħna nitolbuk Mulej.